TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josephine Chetcuti

vs

Hamilton Travel

CCT 193/17

16 ta' Lulju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prrezentat fit-30 ta' Ottubru 2017 fejn talbet is-somma ta' €1776, prezz minnha imhallas lis-socjeta' intimata ghal cruise fuq l-MSC Meraviglia f'Gunju 2017, liema cruise mhux talli ma lahaqx l-aspettativi taghha imma kien ta' dizappunt kbir.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn filwaqt illi ppruvat tindirizza uhud mill-ilmenti tar-rikorrenti, offriet kumpens ta' hames mitt Euro jew cruise iehor ta' erbat ijiem fejn pero l-akkomodazzjoni titjiriet u transfers kellhom jithallsu mir-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tas-smigh ma dehritx quddiem dan it-Tribunal , la fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2017 u l-anqas fis-seduta tas-7 ta' Marzu meta l-kawza kienet differita ghal provi taghha.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat li r-rikorrenti ikkuntrattat mas-socjeta' intimata ghal cruise inawgurali tal-MSC Meraviglia f'Gunju 2017. L-anqas ma huwa kontestat illi f'dan il-cruise kien hemm xi nuqqasijiet illi xekklu ghal kollox l-esperjenza li r-rikorrenti kellha fuq dan il-vapur. Filwaqt illi fir-risposta taghha s-socjeta' intimata ma tirrikonnoxix direttament in-nuqqasijiet msemmija mir-rikorrenti, pero' l-anqas ma nnegathom jew offriet xi spjegazzjoni ghan-nuqqasijiet msemmija hlief ghal kwistjoni tal-*life jackets* illi jidher illi ghax xi raguni dawn jinzammu fl-Assembley Point u mhux fil-kabini. Semmiet ukoll zewg

excursions li kienu jammontaw ghal €280.00 ghal zewg persuni, li dwarhom ma kienx hemm ilment mir-rikorrenti u ghaldaqstant ma kenitx intitolata minn rifuzjoni shiha. Is-socjeta' intimata pero' wasslet biex toffri kumpens ta' hames mitt Euro jew cruise iehor ta' erbat ijiem, b'dana pero' illi t-titjira, akkommodazzjoni u transfers kellhom ikunu a karigu tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti rrifjutat din l-offerta u adixxiet dan it-Tribunal ghal kumpens.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju kwindi li l-vaganza li r-rikorrenti ikkuntrattat mas-socjeta' intimata kienet ta' dizappunt fejn dak kollu li seta' jmur hazin fil-fatt mar. U flok vaganza li tibqa' tiftakar ghal pjacir li tkun hadt, tibqa' tiftakarha ghal inkonvenjent u toghma qarsa li l-esperjenza tkun halliet. Minkejja illi r-risposta tas-socjeta' intimata mhijiex guramentata, it-Tribunal jehodha bhala indikazzjoni illi l-ilmenti tar-rikorrenti kienu gustifikati, kif anke jidher mill email ezebit (Dok YMH) tas-16 ta' Awwissu 2017 u kif anke ghandu jiehu ghalhekk bhala veritjier il-fatt illi r-rikorrenti u zewgha marru fuq excursion b'valur ta' €280.00 li ghandu jitqies favur is-socjeta' intimata.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li t-talba ghal kumpens maghmula mir-rikorrenti hija gustifikati iktar u iktar meta mhijiex kontestata mis-socjeta' intimata li ma baghtu lil hadd biex jirraprezentawha quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal ihoss li l-offerta minghand is-socjeta' intimata hija baxxa wisq tenut kont il-prezz imhallas u s-servizz moghti. Ghalhekk jiffissa l-kumpens dovut *arbitrio bono viri* fis-somma ta' elf u mitejn Euro.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata thallasha is-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200.00). Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru